Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fis-7 ta' Diċembru 2023 [1]

**Kawża C-680/22 P**

**DD**
**vs**

**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)**

"Appell – Servizz pubbliku – Sistema dixxiplinari – Tneħħija minn pożizzjoni – Ftuħ tal-investigazzjoni amministrattiva – Prova *prima facie* – Artikolu 86(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Imparzjalità oġġettiva tal-investigatur – Kunċett ta' 'plaġjariżmu' – Rikors għal annullament u għal kumpens"

## I. Introduzzjoni

1. Permezz tal-appell tiegħu, l-appellant jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Settembru 2022, DD vs FRA (T-470/20, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:511), li permezz tagħha hija ċaħdet ir-rikors tiegħu intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"FRA") tat-12 ta' Novembru 2019 li imponietlu sanzjoni dixxiplinari ta' tneħħija minn pożizzjoni (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni") u tad-deċiżjoni tal-15 ta' April 2020 li ċaħdet l-ilment kontra d-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni materjali u morali li huwa allegatament ġarrab.

2. Dan l-appell, li jaqa' taħt id-dritt tas-servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea, jinvolvi tmien aggravji li permezz tagħhom l-appellant jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli wettqet diversi żbalji ta' liġi. Skont it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser ikunu qegħdin jiffokaw fuq ir-raba' aggravju tal-appell li permezz tiegħu l-appellant jikkritika, essenzjalment, l-analiżi tal-Qorti Ġenerali fir-rigward ta' jekk il-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva fil-kuntest ta' proċedura dixxiplinari kinitx regolari. B'mod iktar konkret, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni marbuta mal-ħtieġa, għall-amministrazzjoni, li jkollha prova *prima facie* sabiex tkun tista' tiftaħ l-investigazzjoni.

3. Din il-kawża tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni li tiddeċiedi dwar ir-rekwiżiti li għandhom ikunu osservati fir-rigward tal-livell ta' prova li jiġġustifika l-ftuħ ta' tali investigazzjoni amministrattiva. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tieħu pożizzjoni fuq il-livell ta' preċiżjoni li bih l-amministrazzjoni għandha tidentifika n-nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligi taħt

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

ir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, fil-verżjoni tagħhom applikabbli għat-tilwima (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") li bihom hija takkuża lill-uffiċjal ikkonċernat u fuq il-kwistjoni dwar jekk l-amministrazzjoni hijiex obbligata tindika d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal li allegatament ikunu ġew miksura. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha dwar il-garanziji proċedurali sanċiti fis-sistema dixxiplinari tal-Unjoni Ewropea.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea

4. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li:

"L-uffiċjal għandu jaqdi dmirijietu u jġib ruħu esklużivament bl-interessi tal-Unjoni quddiem għajnejh. Huwa m'għandux ifittex jew jaċċetta istruzzjonijiet mill-ebda gvern, awtorità, organizzazzjoni jew persuna barra l-istituzzjoni tiegħu. Għandu jaqdi d-dmirijiet fdati lilu b'mod oġġettiv, imparzjali u fir-rispett tad-dmir tiegħu ta' lealtà lejn l-Unjoni".

5. L-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li:

"L-Uffiċjal għandu joqgħod lura minn kull azzjoni jew imġiba li tista' tirrifletti ħażin fuq il-pożizzjoni [tippreġudika d-dinjità tal-kariga] tiegħu".

6. Skont l-Artikolu 21 tar-Regolamenti tal-Persunal:

"Uffiċjal, ikun xi jkun il-grad tiegħu, għandu jassisti u jgħaddi pariri lis-superjuri tiegħu; huwa għandu jkun reponsabbli mill-qadi tad-dmirijiet assenjati lilu.

Uffiċjal responsabbli minn kwalunkwe fergħa tas-servizz għandu jkun responsabbli mas-superjuri tiegħu dwar l-awtorità mogħtija lilu u biex iwettaq l-istruzzjonijiet mogħtija minnu. Ir-responsabbiltà ta' dawk ta' taħtu bl-ebda mod ma tirrilaxxah mir-responsibbiltà tiegħu stess".

7. L-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jinsab taħt it-Titolu VI tagħhom, intitolat "Miżuri Dixxiplinari", huwa fformulat kif ġej:

"1. Kull nuqqas minn uffiċjal jew minn dak li qabel kien uffiċjal biex iħares l-obbligi tiegħu taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kemm jekk intenzjonalment jew b'negliġenza min-naħa tiegħu, tista' tittieħed azzjoni kontrih.

2. Fejn l-Awtorità tal-Ħatra jew [l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, iktar il-quddiem l-"OLAF"] isiru jafu b'evidenza [provi li jippreżumu l-eżistenza] ta' nuqqas fis-sens tal-paragrafu 1, jistgħu jibdew inve[s]tigazzjonijiet amministrattivi biex jivverifikaw jekk it-tali nuqqas sarx.

3. Regoli, proċeduri u miżuri dixxiplinarji, u r-regoli u l-proċeduri li jkopru l-investigazzjonijiet amministrattivi [huma] mniżżla fl-Anness IX".

8. Skont l-Artikolu 1 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal:

"1. Kulmeta investigazzjoni mill-OLAF tikxef il-possibbiltà ta' involviment personali ta' uffiċjal jew ta' persuna li qabel kienet uffiċjal, ta' istituzzjoni, dik il-persuna għandha tkun infurmata malajr, sakemm dan mhux ta' ħsara għall-investigazzjoni. F'kull każ, ma jistgħux jittieħdu konklużjonijiet li jirreferu bl-isem ta' uffiċjal meta titlesta l-investigazzjoni mingħajr ma dak l-uffiċjal ikkonċernat jkollu l-opportunità biex jikkumenta fuq il-fatti dwaru. Il-konklużjonijiet għandhom jagħmlu riferenza għal dawn il-kummenti.

2. Fil-każijiet li jitolbu segretezza assoluta għall-għanijiet ta' l-investigazzjoni u li jeħtieġu l-użu tal-proċeduri ta' investigazzjoni, li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali, il-konformità ma' l-obbligu li jkun mistieden l-uffiċjal biex jikkummenta, bi qbil ma' l-Awtorità tal-Ħatra, tista' tkun posposta. Fit-tali każijiet, l-ebda proċeduri dixxiplinarji ma jistgħu jinbdew qabel l-uffiċjal jingħata l-opportunità biex jikkummenta.

3. Jekk, wara l-investigazzjoni ta' l-OLAF, l-ebda każ ma jista' jsir kontra uffiċjal li saru allegazzjonijiet dwaru, l-investigazzjoni in kwestjoni tingħalaq, mingħajr ma tittieħed aktar azzjoni, bid-deċiżjoni tad-Direttur ta' l-OLAF, li għandu jinforma l-uffiċjal u l-istituzzjoni tiegħu bil-miktub. L-uffiċjal jista' jitlob li din id-deċiżjoni tiddaħħal fil-file personali tiegħu".

9. L-Artikolu 2 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li:

"1. Ir-regoli ppreżentati fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness għandhom japplikaw, b'kull bidla meħtieġa, għal inkjesti amministrattivi oħra, imwettqa mill-Awtorità tal-Ħatra.

2. L-Awtorità tal-Ħatra għandha tinforma l-persuna kkonċernata meta tintemm l-investigazzjoni, u għandha tikkomunikalha l-konklużjonijiet ta' l-investgazzjoni u, meta mitluba u suġġetta għall-ħarsien ta' l-interessi leġittimi ta' persuni terzi, id-dokumenti kollha li direttament relatati ma' l-allegazzjonijiet li saru kontrih.

[…]"

## III. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

### *A. Il-fatti li wasslu għall-kawża*

10. L-appellant ġie rreklutat fl-1 ta' Awwissu 2000 mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti (iktar 'il quddiem l-"ASTK") ta' organu tal-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC), li sar il-FRA, fil-kapaċità ta' membru tal-persunal temporanju fis-sens tal-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Kundizzjonijiet tal-Impjieg").). Wara li kien irreklutat inizjalment taħt kuntratt għal żmien determinat, huwa bbenefika minn kuntratt għal żmien indeterminat b'effett mis-16 ta' Diċembru 2006.

11. Permezz ta' ittra tat-13 ta' Ġunju 2013, id-direttur tal-FRA li kien fil-kariga dak iż-żmien informa lill-appellant bid-deċiżjoni tiegħu li jxoljilu l-kuntratt.

12. Permezz tas-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2015, DD vs FRA (F-106/13 u F-25/14, EU:F:2015:118), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku annulla d-deċiżjoni ta' xoljiment minħabba li, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni, id-direttur tal-FRA ma kienx informa espressament lill-appellant li, fuq il-bażi ta' diversi inċidenti, huwa kien qiegħed jikkontempla jxoljilu l-kuntratt u ma talbux jagħti l-kummenti tiegħu f'dan ir-rigward.

13. Fid-29 ta' Frar 2016, il-FRA, immexxija minn direttur ġdid, integra mill-ġdid lill-appellant fl-impjieg tiegħu, fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2015, DD vs FRA (F-106/13 u F-25/14, EU:F:2015:118).

14. Permezz ta' posta elettronika tal-istess jum, l-appellant intalab mill-kap tad-dipartiment tiegħu biex iħejji espożizzjoni interna ta' bejn 15 u 20 paġna, sa mhux iktar tard mit-18 ta' Marzu 2016, fuq in-normi li jirrigwardaw id-drittijiet tal-bniedem u l-ġurisprudenza marbuta mal-libertà tal-ħsieb, ta' kuxjenza u ta' reliġjon, fuq livell internazzjonali u fuq il-livell tal-Unjoni.

15. Permezz ta' posta elettronika tat-18 ta' Marzu 2016, l-appellant bagħat lill-kap tad-dipartiment tiegħu dokument ta' 31 paġna kkwalifikat bħala "l-ewwel abbozz dwar l-espożizzjoni fuq il-libertà tar-reliġjon" intitolat "Nota ta' informazzjoni interna dwar eventwali proġetti rilevanti tal-FRA li jikkonċernaw il-libertà ta' ħsieb" (iktar 'il quddiem l-"espożizzjoni kontenzjuża").

16. Fil-bidu tax-xahar ta' April 2016, l-espożizzjoni kontenzjuża ġiet irreġistrata fis-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti tal-FRA, li għaliha kellhom aċċess il-kollegi kollha tal-appellant.

17. Fis-7 ta' April 2016, il-kap tad-dipartiment tal-appellant informa lil dan tal-aħħar li huwa kien bagħat l-espożizzjoni kontenzjuża lid-direttur tal-FRA u stiednu jibgħat lil wieħed mill-kollegi tiegħu l-link ta' dan id-dokument irreġistrat fis-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti tal-FRA, sabiex huwa jkun jista' jieħu konjizzjoni ta'dan id-dokument u tal-analiżi li kien hemm fih.

18. Permezz ta' posta elettronika tas-16 ta' Ottubru 2017, il-kap tad-dipartiment tal-appellant talbu jirrevedi l-espożizzjoni kontenzjuża u japprofondixxi l-analiżi ddedikata għal-libertà ta' reliġjon mill-perspettiva tal-Unjoni, fid-dawl ta' eventwali pubblikazzjoni.

19. Barra minn hekk, fis-7 ta' Novembru 2017, l-appellant ippreżenta appell intern kontra r-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu għas-sena 2016, billi sostna li l-evalwazzjoni tal-effikaċja tiegħu, tal-kapaċità tiegħu u tal-kondotta tiegħu kellha tkun "tajba ħafna", minflok "sodisfaċenti". F'dan il-kuntest, għal dak li jikkonċerna l-espożizzjoni kontenzjuża, minn naħa, l-appellant sostna li kien b'dispjaċir li, filwaqt li matul id-djalogu ta' evalwazzjoni, il-kap tad-dipartiment tiegħu, fil-kwalità tiegħu ta' evalwatur, kien ikkonferma li din l-espożizzjoni kienet utli ħafna u kienet tilħaq l-għan tagħha, huwa kkritikaha fl-osservazzjonijiet sussegwenti tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-appellant sostna li l-kummenti tal-evalwatur fuq il-fatt li l-espożizzjoni kontenzjuża kienet fil-parti l-kbira komposta minn referenzi għal ġurisprudenza ma kinux preċiżi, peress li l-espożizzjoni kien fiha wkoll analiżi legali, kunċettwali u politika.

20. Fl-1 ta' Diċembru 2017, l-appellant bagħat verżjoni riveduta tal-espożizzjoni kontenzjuża.

21. Fil-5 ta' Diċembru 2017, id-direttur tal-FRA ċaħad l-appell intern ippreżentat mill-appellant kontra r-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu għas-sena 2016. F'din l-okkażjoni, id-direttur tal-FRA indika li kien sar jaf li l-espożizzjoni kontenzjuża kienet, għal parti kbira ħafna tagħha, kopja

diretta ta' diversi sorsi, b'mod partikolari ta' dokumenti tal-Kunsill tal-Ewropa, li ma kinux ġew indikati bħala referenzi f'din l-espożizzjoni, u li l-appellant ma kienx informa lill-kap tad-dipartiment tiegħu b'dan l-istat ta' fatt, u ħallieh jemmen li din l-espożizzjoni kienet ir-riżultat ta' xogħolu.

22. Fid-9 ta' Frar 2018, id-direttur tal-FRA kkonsulta mal-OLAF) fir-rigward tal-possibbiltà ta' ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva fir-rigward tal-aġir tal-appellant.

23. Fl-20 ta' Marzu 2018, l-OLAF iddeċieda li ma jiftaħx investigazzjoni fin-nuqqas ta' "elementi suffiċjenti li jindikaw l-eżistenza ta' frodi, ta' korruzzjoni jew ta' attivitajiet illegali oħra".

24. Fit-23 ta' Marzu 2018, id-direttur tal-FRA fetaħ investigazzjoni amministrattiva dwar l-aġir tal-appellant fir-rigward tal-espożizzjoni kontenzjuża. L-investigatur maħtur iddikjara li ma kellux kunflitt ta' interessi. L-għan ta' din l-investigazzjoni kien li jiġi ddeterminat, l-ewwel nett, sa fejn preċiżament l-espożizzjoni kontenzjuża kienet ġiet ippreżentata mill-appellant bħala li hija r-riżultat ta' xogħolu, u li kienet tirriproduċi estratti minn dokumenti li ma humiex tal-FRA li la kienu ċċitati u lanqas indikati bħala referenzi; it-tieni nett, minn dawn id-dokumenti, liema kienu dawk li eventwalment kienu koperti mid-drittijiet tal-awtur, it-tielet nett, jekk kinux jeżistu dokumenti oħra redatti mill-appellant fil-kuntest ta' xogħolu fi ħdan il-FRA, fil-qasam tal-libertà ta' ħsieb, ta' kuxjenza u ta' reliġjon, li kienu jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq u, ir-raba' nett, jekk ikun il-każ, jekk ir-Regolamenti tal-Persunal jew id-dritt tal-proprjetà intellettwali kinux ġew miksura.

25. Fit-23 u fl-24 ta' April 2018, l-investigatur interroga seba' xhieda u lill-appellant, li bagħat lill-investigatur osservazzjonijiet bil-miktub.

26. Fis-17 ta' Ġunju 2018, l-investigatur ittrażmetta lil-appellant il-konklużjonijiet preliminari tiegħu.

27. Fit-2 ta' Lulju 2018, l-appellant ressaq osservazzjonijiet fuq il-konklużjonijiet preliminari tal-investigatur.

28. Fit-23 ta' Lulju 2018, l-investigatur bagħat ir-rapport definittiv tiegħu (iktar 'il quddiem ir-"rapport ta' investigazzjoni"), li kkonstata ksur, min-naħa tal-appellant, tal-Artikoli 11, 12 u 21 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll tad-dmirijiet tiegħu ta' lealtà u ta' kooperazzjoni. L-investigatur irrileva, essenzjalment, l-ewwel nett, li l-ikkopjar u l-użu ta' xogħol ħaddieħor mingħajr ma ġie indikat bħala referenza u billi jingħadda bħala li huwa x-xogħol tal-persuna stess kienu jikkostitwixxu forma ta' ngann, ta' diżonestà u ta' approprjazzjoni frawdolenti li tikser mhux biss l-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal, imma wkoll kważi kull norma morali; it-tieni nett, li l-appellant kien deliberatament inganna lill-membri tad-dipartiment tiegħu u kien ħeba informazzjoni importanti, ħaġa li tikser l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolamenti tal-Persunal; it-tielet nett, li l-fatt li l-appellant kien ħa tliet ġimgħat biex jifformula l-espożizzjoni kontenzjuża, li fil-parti l-kbira tagħha tikkonsisti f'kopja, kien jikkostitwixxi ksur ieħor, relattivament minuri, tal-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal; ir-raba' nett, li l-indikazzjoni li l-espożizzjoni kontenzjuża tikkostitwixxi kwalità tajba, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tiegħu għas-sena 2016, kienet ingannuża u kienet tikkostitwixxi wkoll ksur tal-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal; il-ħames nett, li l-użu ta' materjal protett mid-drittijiet tal-awtur mingħajr ma jiġi informat l-awtur, jiġifieri l-Kunsill tal-Ewropa, kien jikser ukoll l-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal, is-sitt nett, li l-appellant kien aġixxa b'mod ingannuż u/jew b'diżonestà u, konsegwentement, ma ġabx ruħu billi jżomm f'moħħu biss l-interessi tal-Unjoni, bi ksur tal-Artikolu 11 tar-Regolamenti

tal-Persunal u tad-dmir ta' lealtà u, is-seba' nett, li l-użu ta' xogħol ħaddieħor mingħajr ma jiġi indikat bħala referenza u mingħajr ma jinforma lis-superjuri tiegħu kiser l-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal u d-dmir ta' kooperazzjoni tal-appellant.

29. Fil-15 ta' Ottubru 2018, l-appellant ġie mismugħ mid-direttur tal-FRA skont l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u ttrażmetta ulterjorment dikjarazzjoni bil-miktub, bid-data tal-istess ġurnata.

30. Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Ottubru 2018, id-direttur tal-FRA fetaħ proċedura dixxiplinari quddiem il-Bord tad-Dixxiplina kontra l-appellant. Din id-deċiżjoni ġiet innotifikata lill-appellant fis-7 ta' Novembru 2018.

31. Fis-26 ta' Frar 2019 ġie kkostitwit il-Bord tad-Dixxiplina b'deċiżjoni tad-direttur tal-FRA.

32. Fis-27 ta' Frar 2019, id-direttur tal-FRA stabbilixxa r-rapport intiż għall-Bord tad-Dixxiplina, b'applikazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal (iktar 'il quddiem ir-"rapport tad-direttur tal-FRA").

33. Fil-21 ta' Marzu 2019, l-appellant ippreżenta r-risposta tiegħu quddiem il-president tal-Bord tad-Dixxiplina.

34. Fit-22 ta' Marzu 2019 seħħ is-smigħ tal-appellant quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.

35. Fis-7 ta' Mejju 2019, il-Bord tad-Dixxiplina ħareġ opinjoni motivata, skont l-Artikolu 18 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, fejn ikkunsidra bħala fondati l-akkużi ta' aġir tal-appellant li jikser l-obbligi taħt l-Artikoli 11, 12 u 21 tar-Regolamenti tal-Persunal, jiġifieri l-preżentazzjoni ta' kitbiet ta' ħaddieħor bħala li kien ix-xogħol tiegħu, mingħajr indikazzjoni tas-sorsi tagħhom. Il-Bord tad-Dixxiplina rrakkomanda t-twaqqigħ b'żewġ gradi tal-appellant, jiġifieri għall-grad AD 7. Il-Bord tad-Dixxiplina ma semmiex ċirkustanzi attenwanti.

36. Il-Bord tad-Dixxiplina rrileva, essenzjalment, l-ewwel nett, li l-appellant kien aġixxa billi ma kellux f'moħħu biss l-interessi tal-Unjoni, imma l-interessi tiegħu stess billi jieħu krettu għal test li tiegħu huwa ma kienx l-awtur; it-tieni nett, li ma kienx adotta l-aġir responsabbli mistenni minn naħa ta' membru tal-persunal tal-FRA; it-tielet nett, li l-azzjonijiet tiegħu setgħu jikkawżaw ħsara lir-reputazzjoni tal-FRA u, ir-raba' nett, li ma kienx assista lis-superjuri tiegħu, anzi kien aġixxa kontra tagħhom, billi ppreżenta xogħol ħaddieħor bħallikieku kien tiegħu.

37. Għaldaqstant, il-Bord tad-Dixxiplina kkonstata li l-appellant kien kiser, l-ewwel nett, l-Artikolu 11 tar-Regolamenti tal-Persunal, billi ppreżenta deliberatament xogħol ikkopjat bħallikieku kien xogħolu stess; it-tieni nett, l-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal, inkwantu l-fatt li jippreżenta xogħol ħaddieħor bħallikieku kien tiegħu stess kien jirrifletti ħażin fuq ir-reputazzjoni tal-appellant u, it-tielet nett, l-Artikolu 21 tar-Regolamenti tal-Persunal, inkwantu l-appellant ma kienx qeda l-kompiti fdati lilu, imma kien ippreżenta xogħol ħaddieħor bħallikieku kien tiegħu u fejn kien hemm riskju li l-espożizzjoni kontenzjuża, jew siltiet minnha, jiġu integrati f'dokument wieħed jew iktar ippubblikati mill-FRA, ħaġa li setgħet tagħmel ħsara lir-reputazzjoni ta' din l-aġenzija.

38. Fil-11 ta' Lulju 2019, l-appellant ġie mismugħ mid-direttur tal-FRA, skont l-Artikolu 22 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, u ppreżenta d-dikjarazzjoni bil-miktub tiegħu.

39. Fil-11 ta' Ottubru 2019, l-appellant irċieva nota tad-direttur, bid-data tal-10 ta' Ottubru 2019, fejn esprima l-intenzjoni tiegħu li jimponilu sanzjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni u fejn stiednu jikkomunika l-osservazzjonijiet tiegħu fuq dan is-suġġett bil-miktub fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol.

40. Fl-24 ta' Ottubru 2019, l-appellant ittrażmetta l-osservazzjonijiet tiegħu lid-direttur tal-FRA.

41. Fit-12 ta' Novembru 2019, id-direttur tal-FRA, bħala l-ASTK, adotta d-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni, li kellha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Novembru 2019. Permezz ta' din id-deċiżjoni, id-direttur tal-FRA laqa' l-konklużjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina, ħlief għal dak li kien jikkonċerna s-sanzjoni proposta, peress li kkunsidra li t-twaqqigħ fil-grad ma kienx jirrifletti suffiċjentement il-gravità tal-ksur tal-obbligi professjonali previsti fl-Artikoli 11, 12 u 21 tar-Regolamenti tal-Persunal. Id-direttur tal-FRA rrileva, b'mod partikolari, minn naħa, li l-Bord tad-Dixxiplina ma kienx semma ċirkustanzi attenwanti, imma kien semma ċirkustanzi aggravanti, jiġifieri l-fatt li l-aġir tal-appellant kien deliberat, li huwa pprova jikseb personalment krettu għal xogħol li jikkostitwixxi plaġjariżmu, li huwa ma kienx irrikonoxxa l-gravità ta' aġiru u li kien hemm riskju reali ta' ħsara lir-reputazzjoni tal-FRA u, min-naħa l-oħra, li r-rabta ta' fiduċja kienet ġiet serjament ippreġudikata.

42. Barra minn hekk, id-direttur tal-FRA kkunsidra li l-Bord tad-Dixxiplina ma kienx ħa inkunsiderazzjoni suffiċjentement il-gravità tal-ksur tar-Regolamenti tal-Persunal għal dak li kien jirrigwarda, minn naħa, l-aġir tal-appellant, li d-direttur tal-FRA kklassifika bħala "ksur tal-ogħla gravità" u, min-naħa l-oħra, l-effetti ta' tali aġir fuq ir-reputazzjoni tal-FRA, peress li, skontu, l-appellant, waqt li aġixxa waħdu, kien deliberatament ħoloq riskju gravi ta' ħsara lil din ir-reputazzjoni għal perijodu ta' żmien sostanzjali. Id-direttur tal-FRA approva l-konstatazzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina li tgħid li r-rabta ta' fiduċja kienet ġiet serjament ippreġudikata, filwaqt li kkunsidra li din ir-rabta kienet ġiet miksura irrevokabbilment u, konsegwentement, li t-twaqqigħ fil-grad ma kienx sanzjoni adegwata.

43. Fis-16 ta' Diċembru 2019, l-appellant ippreżenta lment kontra d-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni.

44. Fil-15 ta' April 2020, id-direttur tal-FRA ta d-deċiżjoni li tirrifjuta dan l-ilment.

### *B. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata*

45. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Lulju 2020, l-appellant kien ippreżenta rikors ibbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiż għall-annullament tad-deċiżjoni għat-tneħħija minn pożizzjoni u, jekk ikun il-każ, tad-deċiżjoni ta' rifjut tal-imsemmi lment, kif ukoll għall-kumpens għad-danni materjali u morali li huwa allegatament ġarrab.

46. Insostenn tar-rikors tiegħu, l-appellant kien invoka tmien motivi b'mod prinċipali u motiv wieħed b'mod sussidjarju, ibbażati:

– l-ewwel nett, fuq il-ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, fuq żbalji ta' liġi u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Bundesgesetz über das Urheberrecht an Werken der Literatur und der Kunst und über verwandte Schutzrechte (Urheberrechtsgesetz) (il-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur fuq Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi u fuq id-Drittijiet Relatati), tad-9 ta' April 1936 (BGBl. 1936, 111/1936) u fuq il-ksur tal-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), inkwantu, l-ewwel nett,

il-plaġjariżmu ġie kkunsidrat bħala li jikkostitwixxi ksur tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tieni nett, it-testi kkopjati ma kinux protetti minn din il-liġi u, it-tielet nett, li ġiet miksura l-libertà ta' espressjoni tiegħu;

– it-tieni nett, fuq ksur tad-dmir ta' diliġenza jew tad-dmir ta' premura mill-investigatur u mid-direttur tal-FRA mal-ftuħ tal-proċedura dixxiplinari, bid-deċiżjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni u mill-Bord tad-Dixxiplina kif ukoll fuq ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza u tar-rekwiżit ta' livell għoli ta' prova fl-investigazzjonijiet amministrattivi u fil-proċeduri dixxiplinari;

– it-tielet nett, fuq l-assenza ta' newtralità, ta' imparzjalità u ta' oġġettività tad-direttur tal-FRA bħala ASTK, fuq ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza u fuq abbuż ta' poter;

– ir-raba' nett, fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li jikkonċernaw il-ksur mill-appellant tal-Artikoli 11, 12 u 21 tar-Regolamenti tal-Persunal;

– il-ħames nett, fuq il-ftuħ irregolari tal-investigazzjoni amministrattiva fl-assenza ta' prova *prima facie* u fuq il-ftuħ irregolari tal-proċedura dixxiplinari;

– is-sitt nett, fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-parametri tal-investigazzjoni mill-investigatur u fuq il-ksur tal-Artikolu 4(2) u tal-Artikolu 7(6) tad-Deċiżjoni 2013/01 tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-FRA, tat-22 ta' Mejju 2013, fuq it-tmexxija tal-investigazzjonijiet amministrattivi u tal-proċeduri dixxiplinari, tal-Artikolu 4(1)(a) sa (d) u tal-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39), u, qabel l-applikabbiltà tar-Regolament 2018/1725, tal-Artikolu 4(1)(a) sa (d) u tal-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol 26, p. 102), u fuq il-ksur tal-effetti ta' sentenza ta' annullament;

– is-seba' nett, fuq nuqqas ta' imparzjalità, ta' newtralità u ta' oġġettività tal-investigatur;

– it-tmien nett, fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ, fuq il-ksur tal-Artikoli 1 u 2 kif ukoll tal-Artikolu 12 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, u

– id-disa' nett, sussidjarjament, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità fl-impożizzjoni tas-sanzjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni fir-rigward tal-fatti li bihom ġie akkużat l-appellant.

47. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talbiet kollha għal annullament u għall-kumpens imressqa mill-appellant. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll li ma kienx hemm lok li jintlaqgħu t-talbiet għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura.

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

### *A. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja*

48. Skont l-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma żżommx seduta għas-sottomissjonijiet orali.

### *B. It-talbiet tal-partijiet*

49. L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni tad-Direttur tal-FRA tat-12 ta' Novembru 2019 sabiex tinħareġ sanzjoni dixxiplinari ta' tneħħija minn pożizzjoni, effettiva mill-15 ta' Novembru 2019; jekk meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tad-Direttur tal-FRA tal-15 ta' April 2020 li tiċħad l-ilment u tikkumpensa d-danni materjali u morali mġarrba mill-appellant;

– tikkundanna lill-FRA għall-ispejjeż kollha.

50. Il-FRA titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż kollha

## V. Analiżi ġuridika

### *A. Rimarki preliminari*

51. Kif indikajt fl-introduzzjoni, il-konklużjonijiet tiegħi ser jittrattaw biss ir-raba' aggravju tal-appell. Jeħtieġ li jiġi rrilevat li din il-kawża hija kkaratterizzata minn ċerta kumplessità peress li l-fatti li wasslu għal din il-kawża kienu s-suġġett ta' sentenzi mogħtija minn diversi qrati tal-Unjoni. Fl-interess li l-kwistjonijiet ġuridiċi fil-qalba ta' din il-kawża jinftehmu aħjar, jidhirli li jkun għaqli li nagħti sunt konċiż tagħhom qabel ma nibda l-analiżi ġuridika fil-veru sens tal-kelma.

52. Il-kwistjonijiet ġuridiċi inkwistjoni jirrigwardaw, fl-ewwel lok, ir-rekwiżiti li għandhom ikunu osservati fir-rigward tal-livell ta' prova li jiġġustifika l-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva fil-kuntest ta' proċedura dixxiplinari, fit-tieni lok, fuq il-grad ta' preċiżjoni li biha l-amministrazzjoni għandha tidentifika n-nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligi taħt ir-Regolamenti tal-Persunal li bihom ġie kkritikat l-uffiċjal ikkonċernat u, fit-tielet lok, fuq l-obbligu tal-amministrazzjoni li tippreċiża d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal li ġew miksura. Fl-analiżi tiegħi, ser nispjega liema huma d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal li jirregolaw il-proċedura dixxiplinari, u b'mod partikolari l-fażi tal-investigazzjoni, sabiex neżamina mbagħad jekk ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali huwiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan il-qafas regolamentari.

53. B'mod iktar konkret, ser nuri li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx jekk il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal kienx regolari. Il-Qorti Ġenerali naqset, b'mod partikolari, li tindika b'mod ċar li l-ftuħ ta' tali investigazzjoni kontra uffiċjal huwa ġġustifikata biss meta jkunu jeżistu raġunijiet għaliex wieħed jippreżupponi li dan naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal. Sa fejn il-Qorti Ġenerali tidher li titlaq mill-premessa li tali proċedura hija possibbli wkoll meta l-kwistjoni tkun tirrigwarda l-prosekuzzjoni għal allegat ksur tad-drittijiet tal-awtur, ir-raġunament tagħha huwa, fil-fehma tiegħi, ivvizzjat bi żball ta' liġi.

## *B. Fuq ir-raba' aggravju tal-appell*

### *1. L-argumenti tal-partijiet*

54. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant jikkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali talli, fil-punti 101, 106, 107, 111 sa 113 u 122 tas-sentenza appellata, wettqet diversi żbalji ta' liġi kif ukoll żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, u żnaturat il-provi, waqt l-eżami tagħha dwar kemm il-ftuħ tal-investigazzjoni amministrattiva kien regolari kif ukoll li ma pprovdietx motivazzjoni suffiċjenti f'dan ir-rigward.

55. L-appellant isostni, fl-ewwel lok, li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi u wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fil-punt 107 tas-sentenza appellata, inkwantu mid-dokumenti fil-proċess jirriżulta li l-konsultazzjoni tal-OLAF kienet annessa biss mar-rapport tad-Direttur tal-FRA u li l-appellant rċevih wara s-27 ta' Frar 2019. Konsegwentement, l-appellant ma ġiex informat bil-kontenut tal-konsultazzjoni tal-OLAD la waqt il-ftuħ tal-investigazzjoni fit-23 ta' Marzu 2018 u lanqas, barra minn hekk, waqt il-ftuħ tal-proċedura dixxiplinari fit-23 ta' Ottubru 2018. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali allegatament wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-appellant kien informat b'mod suffiċjenti waqt il-ftuħ tal-investigazzjoni u meta applikat b'analoġija l-ġurisprudenza tas-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2005, Rasmussen vs Il-Kummissjoni (T-203/03, EU:T:2005:346).

56. Huwa jsostni, fit-tieni lok, li l-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa l-kuntest ġuridiku li minnu jifforma parti l-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva. Skont l-appellant, jeħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni l-formulazzjoni tal-Artikolu 86(1) u (2) tar-Regolamenti tal-Persunal, li jsemmi l-provi dwar in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi taħt ir-Regolamenti tal-Persunal, li joħolqu suspett raġonevoli bbażat fuq prova *prima facie*. Il-verifika ta' suspett raġonevoli ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligi taħt ir-Regolamenti tal-Persunal fuq il-bażi ta' prova *prima facie* tikkostitwixxi, għaldaqstant, l-unika għan leġittimu ta' investigazzjoni amministrattiva. Barra minn hekk, l-appellant iqis li investigazzjoni amministrattiva hija, mid-definizzjoni tagħha, ipproċessar ta' data li, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 45/2001, għandu jkun "għal għanijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi".

57. L-appellant iżid li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta affermat li l-Artikoli 1 u 2 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal ma jirrikjedux li l-Awtorità tal-Ħatra tippreċiża d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal li jkunu nkisru, peress li din il-kwistjoni taqa' pjuttost taħt l-Artikolu 86(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u taħt ir-Regolament Nru 45/2001. Fl-aħħar nett, l-appellant isostni li l-Artikolu 86(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li investigazzjoni amministrattiva tista' tinfetaħ biss biex jiġi vverifikat ksur tar-Regolamenti tal-Persunal u mhux ksur tad-dritt fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, li huwa indipendenti mir-Regolamenti tal-Persunal.

58. L-appellant isostni, fit-tieni lok, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punt 111 tas-sentenza appellata meta ma applikatx il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni (T-48/05, EU:T:2008:257), ikkonfermata permezz tas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, Il-Kummissjoni vs Nanopoulos, (T-308/10 P, EU:T:2012:370), li teżiġi li l-amministrazzjoni għandu jkollha elementi suffiċjentement preċiżi u rilevanti qabel ma tiftaħ proċedura dixxiplinari.

59. Il-FRA teċċepixxi l-inammissibbiltà tar-raba' aggravju u żżid li, fi kwalunkwe każ, huwa manifestament infondat. Hija ssostni li, fil-kuntest ta' dan l-aggravju, l-appellant jikkontesta biss l-evalwazzjonijiet fattwali filwaqt li jipprova jippreżentahom bħala argument ġuridiku. B'mod iktar preċiż, hija ssostni, essenzjalment, li l-punt dwar jekk, minn naħa, kienx jeżisti jew le suspett raġonevoli ta' ksur dixxiplinari bbażat fuq provi u, min-naħa l-oħra, jekk l-appellant kienx f'pożizzjoni li jifhem l-akkużi kontrih, hija waħda dwar punti ta' fatt.

*2. Evalwazzjoni*

*a) Fuq il-qafas regolamentari li jirregola l-investigazzjoni amministrattiva*

60. Qabel ma neżamina fil-fond il-kwistjonijiet ġuridiċi li tqajjem din il-kawża, jidhirli li huwa meħtieġ li jiġi espost fil-qosor il-qafas regolamentari li jirregola l-investigazzjoni amministrattiva fil-qasam dixxiplinari.

61. Qabel kollox, jeħtieġ li jiġi nnotat li, skont l-Artikolu 86(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, "Regoli, proċeduri u miżuri dixxiplinarji, u r-regoli u l-proċeduri li jkopru l-investigazzjonijiet amministrattivi mniżżla fl-Anness IX" ta' dawn ir-regolamenti (enfasi miżjuda minni). Mid-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dan l-anness jirriżulta li l-proċedura dixxiplinari tinkludi żewġ fażijiet distinti, l-ewwel waħda magħmula mill-investigazzjoni amministrattiva inkriminanti u skaġunanti, mibdija b'deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra u magħluqa, wara li l-persuna kkonċernata tkun ġiet mismugħa fuq il-fatti li bihom tkun akkużata, b'rapport tal-investigazzjoni, u t-tieni fażi magħmula mill-proċedura dixxiplinari fil-veru sens tal-kelma, mibdija mill-Awtorità tal-Ħatra fuq il-bażi ta' dan ir-rapport ta' investigazzjoni u li tippreżupponi li l-uffiċjal jkun mismugħ qabel ma din tadotta sanzjoni fil-konfront tiegħu [2].

62. Fil-konklużjonijiet li jien ippreżentajt fil-kawża DD vs FRA (C-587/21 P), kelli l-opportunità li nippronunzja ruħi fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, li l-għan tiegħu huwa li jirregola l-għażliet li għandha l-amministrazzjoni fi tmiem il-fażi ta' investigazzjoni. Din il-kawża hija differenti mill-kawża msemmija iktar 'il fuq inkwantu din tirrigwarda l-possibbiltà li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva. Għaldaqstant, din tirrigwarda l-fażi inizjali tal-proċedura rregolata f'dan l-anness.

63. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi nnotat li, skont l-Artikolu 86(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, "[f]ejn l-Awtorità tal-Ħatra jew [l-OLAF] isiru jafu b'evidenza [provi li jippreżumu l-eżistenza] ta' nuqqas fis-sens tal-paragrafu 1, jistgħu jibdew inve[s]tigazzjonijiet amministrattivi biex *jivverifikaw jekk it-tali nuqqas sarx*" (enfasi miżjuda minni). Skont kliem dan il-paragrafu 1, "[*k*]*ull nuqqas minn uffiċjal jew minn dak li qabel kien uffiċjal biex iħares l-obbligi tiegħu taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal,* kemm jekk intenzjonalment jew b'negliġenza min-naħa tiegħu, tista' tittieħed azzjoni kontrih" (enfasi miżjuda minni). Il-qari konġunt taż-żewġ paragrafi

[2] Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2021, Bernaldo de Quirós vs Il-Kummissjoni (C-583/19 P, EU:C:2021:844, punt 56).

jippermetti għaldaqstant li jiġi konkluż li l-Artikolu 86(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jagħti lill-amministrazzjoni s-setgħa li tiftaħ investigazzjoni bbażata fuq allegat *nuqqas tal-uffiċjal li jwettaq obbligi taħt ir-Regolamenti tal-Persunal*. Il-kwistjoni dwar jekk il-proċedura dixxiplinari tistax tkun estiża għall-prosekuzzjoni ta' tipi oħra ta' nuqqasijiet, bħall-ksur tad-drittijiet tal-awtur, kif jidher li jissuġġerixxu diversi affermazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, jistħoqqilha, fil-fehma tiegħi, analiżi fil-fond fil-kuntest ta' dawn il-konklużjonijiet.

64. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li d-deċiżjoni dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva ma tikkostitwixxix att li jikkawża preġudizzju, li jista' jsir ilment dwaru u mbagħad, jekk ikun il-każ, rikors għal annullament quddiem il-qorti tal-Unjoni[3]. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-formulazzjoni stess ta' din id-dispożizzjoni, *l-għan tal-investigazzjoni huwa preċiżament li tippermetti li l-Awtorità tal-Ħatra tivverifika l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligi li bihom huma obbligati l-uffiċjali*, ħaġa li teskludi li l-amministrazzjoni tkun diġà fformat opinjoni definittiva. F'dan il-kuntest, lanqas ma għandu jintesa li l-uffiċjal ikkonċernat jibbenefika mill-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza, li jeżiġi mill-amministrazzjoni li tibqa' lura fil-kummenti tagħha matul il-proċedura dixxiplinari kollha. Skont l-għan imfakkar iktar 'il fuq, l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal jimponi tali investigazzjoni bħala prerekwiżit obbligatorju f'kull proċedura dixxiplinari[4].

65. Għalkemm l-istituzzjonijiet għandhom setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa għal dak li jikkonċerna l-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva, *madankollu għandu jkun hemm suspett raġonevoli li twettaq ksur dixxiplinari*[5]. Fi kliem ieħor, huma għandu jkollhom "prova *prima facie*" fir-rigward tal-persuna kkonċernata[6]. Sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-uffiċjal, l-amministrazzjoni għandha tiżgura li, qabel ma tiftaħ investigazzjoni, hija jkollha indizji li jindikaw, fir-rigward tal-persuna kkonċernata, nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tagħha taħt ir-Regolamenti tal-Persunal u, qabel ma tibda l-proċedura dixxiplinari, elementi suffiċjentement preċiżi u rilevanti biex jikkorroboraw is-suspetti tagħha. Fil-fatt, jidher li huwa imperattiv li jkun impost tali rekwiżit għall-ftuħ ta' investigazzjoni, fid-dawl tal-konsegwenzi serji u irrevokabbli li jistgħu jirriżultaw minn proċedura dixxiplinari[7].

66. Fil-konklużjonijiet li jien ippreżentajt fil-kawża DD vs FRA (C-587/21 P), jien ġbidt l-attenzjoni fuq ir-riskju ta' preġudizzju għall-unur u r-reputazzjoni professjonali tal-uffiċjal ikkonċernat. F'dan il-kuntest, irrilevajt li l-amministrazzjoni kellha l-obbligu li tivverifika l-veraċità u l-gravità tal-fatti li dan tal-aħħar kien akkużat bihom qabel ma tieħu d-deċiżjoni għall-ftuħ tal-proċedura dixxiplinari. Insostenn tal-argument tiegħi, jien iċċitajt diversi dispożizzjonijiet mill-Anness IX – jiġifieri l-Artikolu 22(2), l-Artikolu 27 u l-Artikolu 29 – li juru ċar li l-leġiżlatur tar-Regolamenti tal-Persunal kien perfettament konxju mill-effett negattiv li l-ftuħ mhux iġġustifikat ta' proċedura dixxiplinari jista' jkollu fuq ir-reputazzjoni ta' uffiċjal[8].

67. Minn naħa, għandhom jiġu imposti rekwiżiti stretti fir-rigward tal-livell ta' prova, meħud inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jkunu protetti d-drittijiet tal-uffiċjal ikkonċernat. Min-naħa l-oħra, jeħtieġ li jiġi rrilevat li d-dispożizzjonijiet iċċitati fil-punti preċedenti jirrigwardaw sitwazzjoni fejn il-proċedura dixxiplinari fil-veru sens tal-kelma tkun diġà nfetħet, filwaqt li din il-kawża

[3] Sentenzi tat-13 ta' Marzu 2003, Pessoa e Costa vs Il-Kummissjoni (T-166/02, EU:T:2003:73, punt 59), u tat-8 ta' Lulju 2008, Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni (T-48/05, EU:T:2008:257, punt 367).

[4] Sentenza tal-14 ta' Frar 2017, Kerstens vs Il-Kummissjoni (T-270/16 P, EU:T:2017:74, punti 61 u 62).

[5] Sentenza tat-13 ta' Jannar 2010, A u G vs Il-Kummissjoni (F-124/05 u F-96/06, EU:F:2010:2, punti 173 u 188).

[6] Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2013, Goetz vs Il-Kumitat tar-Reġjuni (F-89/11, EU:F:2013:83, punt 185).

[7] Sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, Il-Kummissjoni vs Nanopoulos (T-308/10 P, EU:T:2012:370, punt 150).

[8] Ara l-punti 70 *et seq.* tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża DD vs FRA (C-587/21 P).

tirrigwarda pjuttost il-kwistjoni tal-limitu meħtieġ biex ikun iġġustifikat il-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva. Peress li l-għan ta' tali investigazzjoni huwa preċiżament li jippermetti li l-amministrazzjoni tivverifika l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li bihom huma marbutin l-uffiċjali, jidhirli li ma jkunx raġonevoli li l-istess rekwiżiti jiġu imposti fiż-żewġ stadji tal-proċedura. Jidher li jkun iktar raġonevoli li jingħata ċerta marġni ta' evalwazzjoni lill-amministrazzjoni fl-istadju inizjali tal-proċedura. Din il-kwistjoni ser tkun ukoll is-suġġett ta' analiżi fil-fond fil-kuntest ta' dawn il-konklużjonijiet.

*b) Fuq l-obbligi tal-uffiċjal li l-ksur tagħhom jista' jkun is-suġġett ta' investigazzjoni amministrattiva*

68. L-ewwel kwistjoni li għandha tiġi eżaminata tikkonċerna l-obbligi tal-uffiċjal li l-ksur tagħhom jista' jkun is-suġġett ta' investigazzjoni amministrattiva. Kif indikajt qabel, l-Artikolu 86(1) tar-Regolamenti tal-Persunal jagħmel riferiment għal "obbligi tiegħu [tal-uffiċjal] *taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal*" (enfasi miżjuda minni). It-termini użati fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha ma jħallu ebda dubju, fil-fehma tiegħi, fuq il-fatt li dawn jirreferu għall-*obbligi li joħorġu speċifikament mir-Regolamenti tal-Persunal.* Tali konklużjoni hija loġika, peress li r-regoli li jirregolaw ir-relazzjoni bejn l-uffiċjal u l-istituzzjoni tiegħu ġew, fil-parti l-kbira tagħhom, ikkodifikati fir-Regolamenti tal-Persunal.

69. Għalkemm ir-regoli ta' dritt li jirregolaw is-servizz pubbliku jinsabu fil-livelli kollha tal-ġerarkija tan-normi tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, xorta waħda jibqa' l-fatt li *r-Regolamenti tal-Persunal jikkostitwixxu t-test ċentrali tas-sistema applikabbli għall-uffiċjali* li jaħdmu fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkwantu dawn jistabbilixxu b'mod iddettaljat, *inter alia*, x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tagħhom[9]. Dan japplika wkoll għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg, għal dak li jikkonċerna l-aġenti l-oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari meta dawn jipprevedu applikazzjoni b'analoġija tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal għall-aġenti, li huwa l-każ tal-Artikoli 11 sa 26a[10].

70. Min-naħa l-oħra, it-teżi li tgħid li l-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha l-obbligu li tieħu azzjoni anki fir-rigward ta' ksur ieħor tad-dritt, inkluż tad-dritt nazzjonali fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, jidhirli li ma tantx hija konvinċenti. Dan japplika iktar u iktar meta ma hemmx ċertezza, f'din il-kawża, li dan il-ksur tad-dritt nazzjonali jinvolvi konsegwenzi kriminali[11], ħaġa li tqajjem eventwalment il-kwistjoni tal-applikabbiltà tal-Artikolu 23 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jgħid li l-uffiċjali u l-aġenti tal-Unjoni huma obbligati "jħarsu l-liġijiet u r-regoli tal-pulizija fis-seħħ", li jinkludu d-dritt kriminali[12]. Fil-fatt, *ma hijiex biss il-formulazzjoni tal-Artikolu 86(2) tar-Regolamenti tal-Persunal li tmur kontra din it-teżi, iżda l-għan innifsu tas-sistema dixxiplinari li tirrigwarda biss ir-relazzjoni ta' xogħol bejn l-uffiċjal u l-istituzzjoni.* Huwa minnu li dan il-fatt ma jeskludix li l-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-uffiċjal ikun suġġetti għall-osservanza ta' ċerta regoli li ma humiex espressament previsti fir-Regolamenti tal-Persunal, bil-konsegwenza li l-ksur tagħhom iwassal għal miżuri dixxiplinari.

9 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża PV vs Il-Kummissjoni (C-640/20 P, EU:C:2022:736, punt 69).

10 Pilorge-Vrancken, J., *Le droit de la fonction publique de l'Union européenne*, Bruylant, Namur 2017, p. 248.

11 Fil-fatt, mill-fajl ma jirriżultax jekk il-ksur tad-drittijiet tal-awtur, kif irregolati mil-leġiżlazzjoni Awstrijaka, huwiex issanzjonat bid-dritt kriminali jew jekk din il-leġiżlazzjoni taqax taħt l-ordni pubbliku.

12 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża PV vs Il-Kummissjoni (C-640/20 P, EU:C:2022:736, punt 77).

71. F'dan ir-rigward, *huwa madankollu neċessarju li dawn ir-regoli jsiru parti kostituttiva tal-istrument ġuridiku li jistabbilixxi r-relazzjoni ta' xogħol*, peress li inkella ma jkunx żgurat li l-uffiċjal ikun marbut bihom. Barra minn hekk, dawn għandhom ikunu regoli li jikkonkretizzaw l-obbligi previsti fl-Artikoli 11 *et seq* tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod suffiċjentement preċiż sabiex jiġi ggarantit li l-uffiċjal isir jaf bihom u biex jiżgura l-osservanza sħiħa tagħhom. Tali approċċ jidhirli li huwa indispensabbli, speċjalment meta l-Artikoli 11 *et seq* tar-Regolamenti tal-Persunal huma *fformulati f'termini pjuttost astratti u ġenerali, li spiss jużaw kunċetti ġuridiċi indeterminati*, kif ġustament jirrileva l-appellant. Din hija preċiżament ir-raġuni li għaliha l-kontenut ta' ċerti obbligi tal-uffiċjal huwa s-suġġett ta' żviluppi u ta' preċiżazzjonijiet fil-kodiċijiet ta' kondotta tajba adottati mill-istituzzjonijiet [13].

72. L-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal, fil-qalba tal-eżami tal-Qorti Ġenerali, ġie interpretat mill-qrati tal-Unjoni fis-sens li din id-dispożizzjoni hija intiża li tiggarantixxi li l-uffiċjali, f'aġirhom, jippreżentaw immaġni ta' dinjità konformi mal-kondotta partikolarment korretta u rispettabbli li wieħed għandu dritt jistenna mill-membri ta' servizz pubbliku internazzjonali u li l-imsemmija dispożizzjoni tikkostitwixxi, l-istess bħall-Artikoli 11 u 21 tar-Regolamenti tal-Persunal, waħda mill-espressjonijiet speċifiċi tal-obbligu ta' lealtà li huwa impost fuq kull uffiċjal. Fil-fatt, l-obbligu ta' lealtà jimponi mhux biss li l-uffiċjal ikkonċernat jastjeni minn kondotti li jippreġudikaw id-dinjità tal-kariga u r-rispett dovut lill-istituzzjoni u lill-awtoritajiet tagħha, imma wkoll, speċjalment jekk huwa jkollu grad għoli, li huwa juri aġir nieqes minn kull suspett, sabiex ir-rabtiet ta' fiduċja li jeżistu bejn din l-istituzzjoni u bejnu jkunu dejjem ippreżervati [14]. Utli kemm hija utli din il-ġurisprudenza biex wieħed jifhem is-sens ta' din id-dispożizzjoni, *hija ma tistax tissostitwixxi l-obbligi ta' xogħol preċiżament iddefiniti mill-istituzzjoni f'atti ġuridiċi interni.*

73. Fil-fatt, livell ikbar ta' preċiżjoni għal dak li jikkonċerna d-definizzjoni tal-obbligi ta' uffiċjal huwa essenzjali biex jiġu evitati r-riskji ta' aġir abbużiv min-naħa tal-amministrazzjoni. Meħuda inkunsiderazzjoni s-setgħa li l-amministrazzjoni għandha biex tadotta miżuri dixxiplinari kontra l-uffiċjal, *dan tal-aħħar għandu jkollu l-fakultà li jitlob stħarriġ ġudizzjarju ta' tali miżuri.* F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi nnotat li għalkemm id-deċiżjoni li tinfetaħ proċedura dixxiplinari ma hijiex meqjusa bħala att li jikkawża preġudizzju fis-sens tal-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, hija tista' madankollu tiġi kkontestata b'mod inċidentali fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra deċiżjoni dixxiplinari finali li tikkawża preġudizzju lill-uffiċjal [15].

74. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-fatt li l-proċedura dixxiplinari tkun ingħalqet mingħajr ma ġiet imposta sanzjoni dixxiplinari lill-uffiċjal inkwistjoni ma jistax jimpedixxi lill-qorti tal-Unjoni milli tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjoni li tkun fetħet il-proċedura dixxiplinari kontra l-persuna kkonċernata [16]. Issa, id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta, ikun ippreġudikat serjament kieku l-qorti tal-Unjoni ma tkunx f'pożizzjoni li *tivverifika hija stess jekk l-uffiċjal ikkonċernat naqasx effettivament milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal, kif ikkonkretizzati, jekk ikun il-każ, minn atti ġuridiċi interni.* Id-definizzjoni minn qabel u suffiċjentement iddettaljata tal-obbligi tal-uffiċjal tikkontribwixxi għaldaqstant biex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

13 Pilorge-Vrancken, J., *Le droit de la fonction publique de l'Union européenne*, Bruylant, Namur 2017, p. 169.

14 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Mejju 1997, N vs Il-Kummissjoni (T-273/94, EU:T:1997:71, punti 127 u 129), ikkonfermata fl-appell bid-digriet tas-16 ta' Lulju 1998, N vs Il-Kummissjoni (C-252/97 P, EU:C:1998:385), u tad-19 ta' Mejju 1999, Connolly vs Il-Kummissjoni (T-34/96 u T-163/96, EU:T:1999:102, punti 124, 127 u 128).

15 Sentenzi tat-13 ta' Marzu 2003, Pessoa u Costa vs Il-Kummissjoni (T-166/02, EU:T:2003:73, punt 37) u tat-8 ta' Lulju 2008, Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni (T-48/05, EU:T:2008:257, punt 340).

16 Sentenza tat-13 ta' Jannar 2010, A u G vs Il-Kummissjoni (F-124/05 u F-96/06, EU:F:2010:2, punt 352).

75. Għal dak li jikkonċerna l-każ ineżami, jeħtieġ li jiġi nnotat li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 16 tas-sentenza appellata, tindika li *l-għan tal-investigazzjoni kien li tiddetermina jekk ir-Regolamenti tal-Persunal jew id-dritt tal-proprjetà intellettwali kinux ġew miksura.* F'dan ir-rigward, nikkonstata li l-Qorti Ġenerali la ddeċidiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u lanqas dwar il-possibbiltà li din id-dispożizzjoni tista' teskludi kull possibbiltà li jinbdew proċeduri għall-ksur tad-dritt tal-proprjetà intellettwali fil-kuntest ta' proċedura dixxiplinari, kif spjegajt fil-punti preċedenti. Għalkemm il-Qorti Ġenerali ssemmi l-Artikoli 11, 12 jew 21 tar-Regolamenti tal-Persunal, xorta waħda jibqa' l-fatt li hija nnifisha tammetti, fil-punt 65 tas-sentenza appellata, li l-"plaġjariżmu" ma huwiex elenkat bħala aġir illeċitu f'dawn id-dispożizzjonijiet. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali *ma jippermettix għaldaqstant li jkun magħruf b'mod ċar jekk l-appellant huwiex akkużat bi ksur tad-drittijiet tal-awtur, kif irregolati mid-dritt Awstrijak, jew b'nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tiegħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal.*

76. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi nnotat li fil-punti 66 *et seq* tas-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali teżamina jekk l-aġir tal-appellant setgħax jippreġudika d-dinjità tal-kariga tiegħu, skont l-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu, ir-raġunament li jirriżulta mill-punt 68 tas-sentenza appellata ma jurix fuq liema strument ġuridiku l-Qorti Ġenerali bbażat il-konklużjoni tagħha. Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali tidħol f'kunsiderazzjonijiet ta' natura ġenerali fuq il-kunċett tal-"plaġjariżmu" fl-oqsma tal-arti u tal-letteratura, biex imbagħad takkuża lill-appellant b'nuqqas ta' professjonaliżmu. L-assenza ta' identifikazzjoni preċiża tal-obbligu li allegatament inkiser mill-appellant twassal biex wieħed jippreżumi li fir-realtà din hija kwistjoni ta' sanzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur.

77. Fil-punt 70 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tistrieħ fuq il-grad tal-uffiċjal, kif ukoll fuq il-fatt li dan tal-aħħar kien jokkupa pożizzjoni ta' responsabbiltà u li l-FRA kienet fdatlu l-kompitu li jwettaq riċerki u analiżi legali u li jipprovdi pariri fil-qasam tal-iżvilupp tal-politiki. Xorta waħda jibqa' l-fatt li l-Qorti Ġenerali tonqos milli ssemmi dispożizzjoni preċiża, meħuda mir-Regolamenti tal-Persunal jew minn atti ġuridiċi interni tal-FRA, li tafferma li l-fatt li ma ssirx referenza għas-sorsi ta' dokument huwa meqjus bħala li jikser ir-rekwiżiti imposti mill-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal. Din l-ommissjoni hija iktar gravi peress li l-konsegwenzi professjonali għall-appellant kienu serji. Jeħtieġ li jitfakkar li l-proċedura dixxiplinari wasslet għal sanzjoni ta' tneħħija minn pożizzjoni, sanzjoni li tingħata biss fil-każijiet l-iktar gravi [17].

78. Fil-punt 72 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tirreferi għar-"regoli interni fil-qasam tal-pubblikazzjoni u l-produzzjoni tar-riżultati", mingħajr madankollu ma tindika x'inhu l-valur ġuridiku ta' dan id-dokument fl-ordinament ġuridiku intern tal-FRA. Il-Qorti Ġenerali tafferma li l-importanza li tingħata r-referenza tas-sorsi toħroġ b'mod ċar minn dawn ir-regoli. Madankollu, *il-Qorti Ġenerali tonqos milli tiċċita l-formulazzjoni preċiża tar-regola inkwistjoni u milli tispjega jekk kull ksur ta' dawn ir-regoli jitqies bħala li jwassal awtomatikament għas-sanzjonijiet dixxiplinari.* Fuq il-bażi tal-interpretazzjoni stretta sostnuta mill-Qorti Ġenerali, dan jidher li huwa l-każ. Issa, biex tali dokument jkun jista' jikkostitwixxi l-bażi legali li tippermetti li jiġu imposti tali miżuri kontra l-uffiċjal, il-valur legali tiegħu għandu jkun iċċarat b'mod preċiż, kjarifika li l-Qorti Ġenerali naqset manifestament milli tagħmel.

79. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali tidher li tibbaża ruħha fuq argument ibbażat fuq in-natura tal-pożizzjoni tal-appellant, li timplika li dan kellu bilfors għarfien tal-allegat nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tiegħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal. Peress li *dan l-argument jidher li huwa intiż li*

[17] Pilorge-Vrancken, J., *Le droit de la fonction publique de l'Union européenne*, Bruylant, Namur 2017, p. 225.

*jeżenta lill-Qorti Ġenerali mill-obbligu li tispeċifika eżattament l-oriġini ta' dan l-obbligu*, nikkunsidra li r-raġunament espost fil-punti 53 sa 76 tas-sentenza appellata ma huwiex koerenti. Il-kritika tal-appellant li tikkontesta l-approċċ segwit mill-Qorti Ġenerali, fl-opinjoni tiegħi, jidher li hija, għaldaqstant, iġġustifikata.

80. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jeħtieġ li jingħad, f'dan l-istadju tal-analiżi, li *l-Qorti Ġenerali naqset milli tindika li huma biss in-nuqqasijiet ta' twettiq, minn uffiċjal, tal-obbligi tiegħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal li jistgħu jkunu s-suġġett ta' investigazzjoni amministrattiva*. Il-Qorti Ġenerali kellha tispjega li dan il-fatt ma jeskludix li tali investigazzjoni tista' tkun estiża għal ksur tad-dritt tal-proprjetà intellettwali, sa fejn l-osservanza ta' dawn ir-regoli taqa' taħt l-obbligi tal-uffiċjal, ħaġa li għandha madankollu tkun prevista b'mod espliċitu fl-istrumenti ġuridiċi li jirregolaw ir-relazzjoni ta' xogħol bejn l-uffiċjal u l-istituzzjoni li timpjegah [18].

81. Issa, il-Qorti Ġenerali astjeniet ruħha milli tiddeċiedi fuq in-natura ġuridika tar-"regoli interni fil-qasam tal-pubblikazzjoni u l-produzzjoni tar-riżultati" imsemmija iktar 'il fuq, li jimponu l-obbligu li ssir referenza għas-sorsi ta' dokument. Inkwantu l-Qorti Ġenerali ma tieħux inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tad-dritt tas-servizz pubbliku, b'mod partikolari, il-ħtieġa li l-uffiċjal ikun konxju mill-portata tal-obbligi tiegħu lejn l-istituzzjoni li timpjegah, qabel ma jkun jista' jkun is-suġġett ta' proċedura dixxiplinari, ir-raġunament tagħha huwa, fil-fehma tiegħi, ivvizzjat bi żball ta' liġi.

*c) Dwar ir-rekwiżit ta' "prova* prima facie*" biex tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva*

82. Kwistjoni ġuridika oħra li għandha tiġi eżaminata tikkonċerna r-rekwiżit ta' "prova *prima facie*" li tiġġustifika l-ftuħ ta' tali investigazzjoni. Kif indikajt waqt l-espożizzjoni tiegħi dwar il-qafas regolamentari li jirregola l-investigazzjoni amministrattiva, jeħtieġ li jkun hemm *suspett raġonevoli li jkun twettaq ksur dixxiplinari*. L-amministrazzjoni għandha tiżgura ruħha li hija jkollha, qabel ma tiftaħ investigazzjoni, indizji li jindikaw, fir-rigward tal-persuna kkonċernata, *nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tagħha taħt ir-Regolamenti tal-Persunal*. Għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq, l-amministrazzjoni għandha tingħata ċerta marġni ta' evalwazzjoni fl-istadju inizjali tal-proċedura [19]. Fl-aħħar nett, ma hemmx bżonn jingħad li jeħtieġ li jiġi eżaminat f'kull każ individwali jekk il-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' tali investigazzjoni humiex issodisfatti.

83. F'dan il-każ, l-appellant jinvoka l-assenza ta' prova *prima facie* li tiġġustifika l-ftuħ tal-investigazzjoni mmexxija kontrih. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi nnotat, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali effettivament la ddeċidiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u lanqas fuq il-possibbiltà li din id-dispożizzjoni tista' teskludi kull possibbiltà ta' prosekuzzjoni għal ksur tad-drittijiet tal-awtur fil-kuntest ta' proċedura

[18] Ma neskludix il-possibbiltà li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tista' tintrabat mal-"obbligi taħt ir-Regolamenti tal-Persunal" ta' uffiċjal, bil-kundizzjoni li tali rabta sseħħ b'mod ġuridikament korrett, pereżempju b'atti interni ta' aġenzija, li jistgħu jipproduċu l-effetti vinkolanti neċessarji. F'din il-kawża, nosserva, l-ewwel nett, li l-valur ġuridiku tar-"regoli interni fil-qasam tal-pubblikazzjoni u tal-produzzjoni tar-riżultati" applikati mill-FRA ma ġiex stabbilit mill-Qorti Ġenerali u, it-tieni nett, li dawn ir-regoli interni jillimitaw ruħhom li jfakkru lill-uffiċjal il-ħtieġa li jieħu inkunsiderazzjoni sensiela ta' rekwiżiti, essenzjalment ta' natura stilistika, waqt il-formulazzjoni ta' test (inkluż dak "li jivverifika u jżid ir-referenzi għax-xogħlijiet rilevanti preċedenti") mingħajr ma madankollu jgħollu dawn ir-rekwiżiti kollha għal-livell ta' "obbligu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal" li n-nuqqas ta' twettiq tagħhom iwassal bla ebda dubju għal proċedura dixxiplinari. It-tielet nett, jeħtieġ li jiġi nnotat li fihom ma hemm ebda referenza espliċita għad-drittijiet tal-awtur.

[19] Ara l-punt 67 ta' dawn il-konklużjonijiet.

dixxiplinari. Madankollu, li kieku l-Qorti Ġenerali kienet ħadet pożizzjoni fuq dan il-punt, kien ikun possibbli li tiġi eskluża l-prova *prima facie* li tiġġustifika l-ftuħ ta' investigazzjoni, mill inqas f'dak li jikkonċerna l-ksur tad-dritt Awstrijak fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur.

84. Fil-fatt, kif jindika, ġustament, l-appellant, *il-kunċett ta' "prova* prima facie" *jeżiġi loġikament klassifikazzjoni ġuridika*. Għal din ir-raġuni, il-Qorti Ġenerali kellha tikkonstata li l-FRA kienet kisret ir-regoli tas-sistema dixxiplinari peress li l-Artikolu 86(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ma jippermettix, bħala prinċipju, li jkun hemm proċeduri għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur. L-assenza ta' tali konstatazzjoni turi li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx b'mod korrett il-legalità tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni kontra l-appellant, ħaġa li tikkostitwixxi żball ta' evalwazzjoni.

85. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ffukat l-eżami tagħha fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi taħt ir-Regolament tal-Persunal allegat mill-FRA. B'mod iktar preċiż, il-Qorti Ġenerali semmiet l-Artikoli 11, 12 jew 21 tar-Regolamenti tal-Persunal, u interessat ruħha b'mod partikolari fl-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal sabiex tivverifika jekk kinux jeżistu indizji suffiċjenti biex tikkonkludi li l-aġir tal-appellant setax jippreġudika d-dinjità tal-kariga tiegħu. Madankollu, kif diġà rrilevajt fil-punti preċedenti, il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina x'kien il-valur ġuridiku tar-"regoli interni fil-qasam tal-pubblikazzjoni u l-produzzjoni tar-riżultati" u jekk ksur ta' dawn ir-regoli kienx suffiċjenti biex jiġġustifika l-ftuħ ta' investigazzjoni kontra l-appellant. Issa, tali approċċ kien iktar meħtieġ peress li l-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa fformulat f'termini pjuttost ġenerali u juża kunċetti ġuridiċi indeterminati. Il-fatt li l-obbligu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal li allegatament inkiser mill-appellant ma ġiex identifikat b'mod preċiż juri, fil-fehma tiegħi, li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx fid-dettall jekk il-kundizzjonijiet biex il-FRA tiftaħ tali investigazzjoni kinux issodisfatti.

86. Fil-fehma tiegħi, anki r-rikonoxximent ta' ċerta setgħa ta' evalwazzjoni ma jeżentax lill-amministrazzjoni mill-*obbligu li turi li jeżistu provi suffiċjenti li jippreżumu l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu*. Fil-fatt, iktar ma l-akkuża miġjuba kontra l-uffiċjal hija gravi, iktar huwa importanti li dan l-obbligu jkun issodisfatt. Naturalment, dan japplika iktar u iktar għall-*obbligu minn qabel li s-suġġett tal-investigazzjoni jiġi ddefinit bl-iktar mod preċiż possibbli*, fid-dawl tar-riskju ta' preġudizzju għall-unur u r-reputazzjoni professjonali tal-uffiċjal ikkonċernat. Ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża, kif ukoll taċ-ċertezza legali, jeżiġi li l-uffiċjal jitpoġġa f'pożizzjoni li jifhem l-akkuża miġjuba kontrih u jressaq elementi skaġunanti [20].

87. Madankollu, dawn il-kunsiderazzjonijiet jidher li ġew injorati fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali. Din tal-aħħar tidher pjuttost li segwiet il-pożizzjoni tal-FRA mingħajr ma evalwat il-fatti fid-dawl tar-regoli tas-sistema dixxiplinari. Konsegwentement, sa fejn il-Qorti Ġenerali kisret ir-rekwiżiti li jirrigwardaw il-livell tal-prova meħtieġ mill-Artikolu 86(2) tar-Regolamenti tal-Persunal biex tiġġustifika l-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva, ir-raġunament tagħha għandu jitqies bħala li huwa vvizzjat bi żball ta' liġi.

[20] Tomac, J., "Régime disciplinaire", f'Giacobbo, V. Perillo, E., u Picod, F., *Statut de la Fonction Publique de l'Union Européenne: Commentaire article par article*, Bruylant, Namur 2017, p. 331, li jfakkar il-ħtieġa li jiġu rrispettati l-garanziji proċedurali fil-kuntest ta' proċedura dixxiplinari.

*d) Fuq l-obbligu li jiġu ppreċiżati d-dispożizzjonijiet li bil-ksur tagħhom jinsab akkużat l-uffiċjal*

88. Jeħtieġ li jiġi eżaminat imbagħad jekk l-amministrazzjoni hijiex obbligata li tippreċiża, waqt il-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva, liema huma d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal li ġew miksura. Din il-kwistjoni hija marbuta mal-affermazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 106 tas-sentenza appellata, li tqis li l-Artikoli 1 u 2 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal ma jimponux tali obbligu.

89. Madankollu, jidhirli li dan l-argument ma huwiex suffiċjenti, minnu nnifsu, biex jeżenta lill-amministrazzjoni mill-obbligu li tinforma lill-uffiċjal ikkonċernat bl-iktar mod preċiż possibbli fuq is-suġġett tal-investigazzjoni, u b'mod partikolari bl-akkużi mressqa kontrih. Ir-risposta għal din id-domanda teżiġi pjuttost li d-dispożizzjonijiet tas-sistema dixxiplinari jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-intier tagħhom. Mill-eżami ta' dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-amministrazzjoni għandu jkollha indikazzjonijiet suffiċjenti li jissuġġerixxu li l-persuna kkonċernata naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-Regolamenti tal-Persunal qabel ma tiftaħ investigazzjoni. Meħud inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kunċett ta' "prova *prima facie*" jeżiġi klassifikazzjoni ġuridika, huwa loġiku li wieħed jippreżumi li *l-amministrazzjoni għandha wkoll tkun laħqet ċerta grad ta' konvinzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li, fil-fehma tagħha, ġew miksura*. Fi kliem ieħor, jidher inkonċepibbli li l-amministrazzjoni tista' tiftaħ investigazzjoni mingħajr ma jkollha mill-inqas ċerta idea tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-każ speċifiku. Ċertament, dan ma jeskludix li l-amministrazzjoni tkun obbligata timmodifika sussegwentement il-fehma ġuridika tagħha, skont l-informazzjoni miksuba matul l-investigazzjoni, imma xejn ma jindika li dan kien il-każ f'din il-kawża.

90. Bl-istess mod, fil-punt 106 tas-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali fakkret li, skont il-ġurisprudenza tagħha, in-nuqqas ta' indikazzjoni espliċita, waqt il-ftuħ tal-proċedura dixxiplinari, tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal li finalment jiġi kkonstatat il-ksur tagħhom ma jippreġudikax id-difiża tal-uffiċjal jew tal-aġent ikkonċernat jekk l-ilmenti fformulati waqt dan il-ftuħ ippermettewlu li jsir jaf preċiżament bid-dispożizzjonijiet li huwa kien akkużat li kiser. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li tali soluzzjoni tapplika, *a fortiori*, għad-deċiżjonijiet ta' ftuħ ta' investigazzjoni. Issa, *din il-ġurisprudenza ma jidhirlix li tikkontradixxi l-kunsiderazzjonijiet esposti preċedentement, dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tad-difiża tal-uffiċjal*, peress li din tirrigwarda sitwazzjoni speċifika, jiġifieri, dik fejn, minkejja li l-uffiċjal ikkonċernat ma kienx espressament informat bil-ksur li bih kien akkużat, huwa mill-inqas jinsab f'pożizzjoni li jifhem liema dispożizzjonijiet huma inkwistjoni.

91. B'differenza mill-kawża Rasmussen vs Il-Kummissjoni (T-203/03), li kienet tikkonċerna dikjarazzjonijiet foloz tal-uffiċjal, ikkunsidrati ġustament bħala aġir li jista' jippreġudika d-dinjità tal-kariga tiegħu, fis-sens tal-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal, din il-kawża tikkonċerna sitwazzjoni li fiha aġent ma għamilx ir-referenza għas-sorsi ta' dokument. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi kkonstatata li l-opinjonijiet tal-partijiet huma nettament diverġenti fuq l-eżistenza ta' obbligu vinkolanti f'dan is-sens. Quddiem din il-konstatazzjoni, jidhirli li l-applikabbiltà ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal inkwistjoni ma hijiex daqshekk ċara kif tippretendi l-Qorti Ġenerali.

92. B'mod partikolari, il-fatt li l-FRA bbażat l-investigazzjoni miftuħa kontra r-rikorrenti fuq ksur tad-dispożizzjonijiet Awstrijaċi fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u, simultanjament, ta' diversi dispożizzjonijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal, juri li l-FRA ma kinitx ċerta mill-klassifikazzjoni ġuridika tal-ksur allegat. Jekk wieħed jippreżumi li din l-ipoteżi hija korretta, *jidher li ma huwiex raġonevoli li jkun rikjest li l-uffiċjal ikkonċernat innifsu jagħmel*

*il-klassifikazzjoni ġuridika meħtieġa, meta dan il-kompitu jaqa' taħt ir-responsabbiltà biss tal-istituzzjoni*. Għal dawn ir-raġunijiet, nikkunsidra li l-ġurisprudenza msemmija mill-Qorti Ġenerali ma hijiex trasponibbli għall-każ preżenti.

93. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li jeħtieġ li jiġu miċħuda l-argumenti tal-Qorti Ġenerali insostenn tat-teżi li tgħid li l-amministrazzjoni ma hijiex obbligata tippreċiża, waqt il-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva, liema huma d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal li, skont l-amministrazzjoni, ġew miksura. Kif irrilevajt fl-analiżi tiegħi, *l-impożizzjoni ta' tali obbligu tirriżulta li hija indispensabbli sabiex jiġu żgurati kemm is-salvagwardja tad-drittijiet tad-difiża tal-uffiċjal ikkonċernat fil-kuntest tal-proċedura dixxiplinari, kif ukoll stħarriġ ġudizzjarju effettiv* mill-qorti tal-Unjoni.

94. Għalkemm huwa neċessarju li l-amministrazzjoni tingħata ċerta setgħa ta' evalwazzjoni, b'mod partikolari fl-istadju inizjali tal-proċedura, fid-dawl tal-inċertezza eventwali fir-rigward tal-fatti, dan ma jfissirx li l-amministrazzjoni tista' tevita *l-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni l-interess tal-uffiċjal li ma jkunx is-suġġett ta' prosekuzzjonijiet illeġittimi, li jistgħu jkunu ta' ħsara għar-reputazzjoni professjonali tiegħu*. Min-naħa l-oħra, l-amministrazzjoni ġġorr responsabbiltà kbira meta hija tiddeċiedi li tiftaħ jew ma tiftaħx investigazzjoni. Il-fatt li l-amministrazzjoni tkun permessa twettaq tali investigazzjoni kontra uffiċjal mingħajr ma dan ikun jaf eżattament dak li huwa akkużat bih u dan eventwalment għal perijodu indeterminat, jiftaħ, fil-fehma tiegħi, il-bieb għall-arbitrarjetà. Dan ikollu l-konsegwenza li l-uffiċjal ikun suġġett għal suspett ġenerali mingħajr ma jkun jista' jiċħad ebda suspett. Tali approċċ jidhirli li huwa inkompatibbli mal-garanziji proċedurali previsti mid-dritt tal-Unjoni.

95. Ċertament, l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi d-dritt tal-uffiċjal li jkun mismugħ fi tmiem l-investigazzjoni, ħaġa li timplika, bħala prinċipju, il-possibbiltà li jsir jaf bl-akkużi kollha mressqa kontrih u li jressaq l-argumenti ta' difiża tiegħu. Madankollu, nikkunsidra li, fid-dawl tar-riskji msemmija iktar 'il fuq, ikun inaċċettabbli li l-uffiċjal ikun mitlub jistenna tmiem l-investigazzjoni biex ikun jaf b'ċertezza liema ksur huwa akkużat bih. Min-naħa l-oħra, iċ-ċertezza legali tkun żgurata aħjar jekk l-uffiċjal ikkonċernat jiġi informat bil-ksur mill-iktar kmieni u bl-iktar mod preċiż possibbli. *Dan jippreżumi loġikament li d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli jiġu indikati lilu fl-istadju inizjali tal-proċedura*. Dan huwa meħtieġ iktar u iktar f'ċirkustanzi relattivament sempliċi bħalma huma dawk ta' din il-kawża, li ma jeħtiġux xi kjarifika partikolari tal-fatti.

96. Għalkemm il-Qorti Ġenerali tidher li taqbel ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet, fil-punt 104 tas-sentenza appellata, xorta waħda jibqa' l-fatt li hija straħet finalment fuq argumenti mhux validi biex tevita li teżamina jekk il-ftuħ tal-investigazzjoni kienx regolari. B'mod iktar konkret, *il-Qorti Ġenerali astjeniet milli tivverifika jekk il-FRA kinitx identifikat b'mod korrett id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli għall-każ preżenti*. Hija llimitat ruħha li ssemmi l-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq sabiex tiġġustifika li l-FRA ma kinitx semmiet l-Artikolu 21 tar-Regolamenti tal-Persunal fid-deċiżjoni tagħha għall-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva fir-rigward tal-aġir tal-appellant, minkejja li din il-ġurisprudenza ma kinitx rilevanti. Konsegwentement, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat, għall-finijiet tal-eżami tar-raba' aggravju tal-appell, li r-raġunament tagħha huwa vvizzjat bi żball ta' liġi.

### 3. *Konklużjoni intermedja*

97. L-iżbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali u stabbiliti fil-kuntest tal-analiżi esposta f'dawn il-konklużjonijiet jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li, bħala prinċipju, huma biss in-nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligi taħt ir-Regolamenti tal-Persunal li jistgħu jkunu s-suġġett ta' investigazzjoni amministrattiva. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali injorat ir-rekwiżiti fir-rigward tal-livell ta' prova meħtieġ mill-Artikolu 86(2) tar-Regolamenti tal-Persunal biex tiġġustifika l-ftuħ ta' tali investigazzjoni. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li l-amministrazzjoni hija obbligata tippreċiża, f'dan l-istadju tal-proċedura, liema huma d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal li ġew miksura mill-uffiċjal ikkonċernat.

## VI. Konklużjoni

98. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li r-raba' aggravju tal-appell huwa fondat.